II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/182

**tal-14 ta' Jannar 2020**

**dwar il-mudelli fil-qasam tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3), l-Artikolu 18(3) u l-Artikolu 22(4) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 33 tad-Direttiva (UE) 2017/2397,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2017/2397 tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifiki ta' persuni involuti fit-tħaddim ta' inġenju fil-passaġġi tal-ilma interni tal-Unjoni. Iċ-ċertifikazzjoni għandha l-għan li tiffaċilita l-mobbiltà, tiżgura s-sikurezza tan-navigazzjoni u tiżgura l-protezzjoni tal-ħajja umana u tal-ambjent.

(2) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tagħha, id-Direttiva (UE) 2017/2397 teħtieġ li jiġu stabbiliti mudelli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni, kotba tar-rekords tas-servizz, dokumenti uniċi li jiġbru ċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni mal-kotba tar-rekords tas-servizz, ġurnali ta' abbord u ċertifikati ta' eżami prattiċi.

(3) Skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva (UE) 2017/2397, l-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dawn il-mudelli, jeħtieġ jagħmlu referenza għall-istandards stabbiliti mill-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fil-qasam tan-navigazzjoni interna ("CESNI") u jinkludu t-test sħiħ ta' dawk l-istandards, dment li dawk l-istandards ikunu disponibbli u aġġornati, li jikkonformaw ma' kwalunkwe rekwiżit applikabbli stabbilit fl-Annessi tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u li l-interessi tal-Unjoni ma jinxteħtux f'riskju minħabba t-tibdiliet fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tas-CESNI. Fil-15 ta' Ottubru 2019, is-CESNI adotta r-Riżoluzzjonijiet ([2]) li jistabbilixxu l-istandards dwar mudelli fil-qasam tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna, f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

(4) F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016–2020 ([3]), jenħtieġ li jintuża l-Gvern elettroniku biex tiżdied l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi u jiġu ffaċilitati l-amministrazzjonijiet pubbliċi transfruntiera li jagħmlu ġid lin-negozji. Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit mudell f'forma elettronika għaċ-ċertifikati ta' kwalifiki tal-Unjoni bħala kaptan ta' dgħajsa, espert fil-gass naturali likwifikat u espert fin-navigazzjoni tal-passiġġieri.

([1]) ĠU L 345, 27.12.2017, p. 53.

([2]) Ir-Riżoluzzjoni CESNI 2019-II-1, ir-Riżoluzzjoni CESNI 2019-II-2, ir-Riżoluzzjoni CESNI 2019-II-3, ir-Riżoluzzjoni CESNI 2019-II-4 u r-Riżoluzzjoni CESNI 2019-II-5.

([3]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020: Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika (COM/2016/0179 final).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-mudelli għaċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni bħala kaptan ta' dgħajsa, bħala espert fil-gass naturali likwifikat u bħala espert fin-navigazzjoni tal-passiġġieri, f'forma stampata u f'forma elettronika, għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Il-mudell għal dokument uniku li jiġbor iċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni mal-ktieb tar-rekords tas-servizzi għandu jkun kif stabbilit fl-Anness II.

*Artikolu 3*

Il-mudell għaċ-ċertifikati tal-eżamijiet prattiċi għandu jkun kif stabbilit fl-Anness III.

*Artikolu 4*

Il-mudell għall-ktieb tar-rekords tas-servizz għandu jkun kif stabbilit fl-Anness IV.

*Artikolu 5*

Il-mudell għall-ġurnali ta' abbord għandu jkun kif stabbilit fl-Anness V.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

**MUDELLI GĦAĊ-ĊERTIFIKATI TA' KWALIFIKA TAL-UNJONI BĦALA KAPTAN TA' DGĦAJSA, ESPERT FIL-GASS NATURALI LIKWIFIKAT ("LNG") U ESPERT FIN-NAVIGAZZJONI TAL-PASSIĠĠIERI**

1. **Mudell għall-forma elettronika taċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni bħala kaptan ta' dgħajsa, espert fil-gass naturali likwifikat (LNG) u bħala espert fin-navigazzjoni tal-passiġġieri**

Il-mudell għaċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni bħala kaptan ta' dgħajsa u l-mudell għaċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni bħala espert fil-gass naturali likwifikat ("LNG") jew bħala espert fin-navigazzjoni tal-passiġġieri għandhom ikunu d-dokument PDF/A li jinkludi d-*data* marbuta maċ-ċertifikat ikkonċernat, li tista' tiġi estratta mill-bażi tad-*data* msemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), mill-fajl personali tal-membru tal-ekwipaġġ. Iċ-ċertifikat ta' kwalifika tal-Unjoni f'format PDF/A għandu jinkludi l-karatteristiki ta' sigurtà li jippermettu l-verifika tal-oriġini u l-integrità tad-*data* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).




([1]) Id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 53).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

**Struzzjonijiet għall-awtoritajiet tal-ħruġ**

1. Il-kunjom jew il-kunjomijiet attwali tad-detentur

2. L-isem jew l-ismijiet attwali tad-detentur

L-ismijiet għandhom ikunu dawk li jidhru fuq il-karta tal-identità jew fuq il-passaport tal-persuna kkonċernata u għandhom jitniżżlu f'UNICODE.

Jekk isem jinkiteb differenti bl-UNICODE u bl-ASCII, għandha tingħata wkoll traskrizzjoni bl-ASCII fil-parenteżi.

3a. Id-data tat-twelid (jj/xx/ssss)

3b. Il-post tat-twelid (il-belt)

4. In-numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ tad-detentur (CID), kif mogħti fil-bażi tad-*data* msemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397

5. L-identifikazzjoni fiżika tad-detentur permezz ta' fajl b'immaġni elettronika importat.

6. In-numru tas-serje taċ-ċertifikat.

   In-numru tas-serje taċ-ċertifikat għandu jikkonsisti minn dawn li ġejjin:

   — is-CID tal-membru tal-ekwipaġġ;

   — it-tip ta' dokument kif ikkodifikat fis-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni tad-Data ta' Referenza (l-ERDMS);

   — l-awtorità tal-ħruġ, kif ikkodifikat fl-ERDMS;

   — in-numru tad-dokument f'4 ċifri.

7. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat

8. Id-data tal-iskadenza

9. L-isem tal-awtorità tal-ħruġ

10. L-awtorizzazzjoni jew l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi bil-kodiċi/jiet: R (għal tbaħħir bir-radar); M (għal tbaħħir fil-passaġġi fuq l-ilma interni b'bixra marittima); Il-meded b'riskji speċifiċi kif ikkodifikati fis-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni tad-*Data* ta' Referenza (l-ERDMS); C (għal tbaħħir ta' konvojs kbar), bil-kodiċi tal-awtorità tal-ħruġ u b'indikazzjoni tan-numru tas-serje tal-awtorizzazzjoni

11. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet marbutin mal-istat fiżiku(il-kodiċi 01 sa 09 bħal fl-ES-QIN) inklużi fid-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/12 ([3]).

Il-punti nru 10 u 11 ma għandhomx japplikaw għaċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni bħala espert fil-gass naturali likwifikat (l-LNG) u bħala espert fin-navigazzjoni tal-passiġġieri.

*Karatteristiċi viżivi taċ-ċertifikat ta' kwalifika tal-Unjoni*

Sfond ta' lewn blu ċar Pantone 290C, li jista' jiġi stampat f'format A4.

([3]) Id-Direttiva Delegata tal-Kummssjoni (UE) 2020/12 tat-2 ta' Awwissu 2019 li tissupplimenta d-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards għall-kompetenzi u għall-għarfien u l-ħiliet korrispondenti, għall-eżamijiet prattiċi, għall-approvazzjoni tas-simulaturi u għall-istat mediku (ĠU L 6, 10.1.2020, p. 15).

2. **Mudell għall-kopja stampata taċ-ċertifikati ta’ kwalifika tal-Unjoni bħala kaptan ta’ dgħajsa**

(in-naħa ta’ quddiem)



[isem il-pajjiż]

ĊERTIFIKAT TA’ KWALIFIKA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAN-NAVIGAZZJONI FUQ PASSAĠĠI TAL-ILMA INTERNI

Kaptan ta’ Dgħajsa

1. Kunjom jew kunjomijiet id-detentur
2. Isem/Ismijiet
3a. Id-data tat-twelid 3b. Il-post tat-twelid
4. In-numru ta’ identifikazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ
5. Ritratt
6. Nru tas-serje
7. Id-data tal-ħruġ 8. Id-data tal-iskadenza
9. Isem l-awtorità tal-ħruġ
10. Awtorizzazzjoni/jiet speċifika/speċifiċi kkodifikati
11. Miżuri u restrizzjonijiet ta’ mitigazzjoni marbuta mal-kundizzjoni fiżika

.tif(in-naħa ta’ wara)



ĊERTIFIKAT TA’ KWALIFIKA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAN-NAVIGAZZJONI FUQ PASSAĠĠI TAL-ILMA INTERNI

Kaptan ta’ Dgħajsa

BARCODE-2D

10. (Test addizzjonali jekk meħtieġ)

11. (Test addizzjonali jekk meħtieġ)

**Struzzjonijiet għall-awtoritajiet tal-ħruġ**

1. Il-kunjom jew il-kunjomijiet attwali tad-detentur

2. L-isem jew l-ismijiet attwali tad-detentur

L-ismijiet għandhom ikunu dawk li jidhru fuq il-karta tal-identità jew fuq il-passaport tal-persuna kkonċernata u għandhom jitniżżlu f'UNICODE.

Jekk isem jinkiteb differenti bl-UNICODE u bl-ASCII, għandha tingħata wkoll traskrizzjoni bl-ASCII fil-parenteżi.

3a. Id-data tat-twelid (jj/xx/ssss)

3b. Il-post tat-twelid (il-belt)

4. In-numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ tad-detentur (CID), kif mogħti fil-bażi tad-*data* msemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397

5. L-identifikazzjoni fiżika tad-detentur permezz ta' fajl b'immaġni elettronika importat.

6. In-numru tas-serje taċ-ċertifikat.

In-numru tas-serje taċ-ċertifikat għandu jikkonsisti minn dawn li ġejjin:

— is-CID tal-membru tal-ekwipaġġ;

— it-tip ta' dokument kif ikkodifikat fis-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni tad-*Data* ta' Referenza (l-ERDMS);

— l-awtorità tal-ħruġ, kif ikkodifikat fl-ERDMS;

— in-numru tad-dokument f'erba' ċifri.

7. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat

8. Id-data tal-iskadenza

9. L-isem tal-awtorità tal-ħruġ

10. L-awtorizzazzjoni jew l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi bil-kodiċi/jiet: R (għal tbaħħir bir-radar); M (għal tbaħħir fil-passaġġi fuq l-ilma interni b'bixra marittima); Meded b'riskji speċifiċi kif ikkodifikati fl-ERDMS); C (għal tbaħħir ta' konvojs kbar)

11. Miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet marbutin mal-istat fiżiku (il-kodiċi bħal fl-ES-QIN kif inkluż fid-Direttiva Delegata (UE) 2020/12.

*Karatteristiċi fiżiċi taċ-ċertifikat ta' kwalifika tal-Unjoni bħala kaptan ta' dgħajsa*

Sfond ta' lewn blu ċar: Pantone 290C

Format tal-karta ID-1 skont l-istandard ISO/IEC 7810

3. **Mudell għall-kopja stampata taċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni bħala espert fl-LNG jew bħala espert fin-navigazzjoni tal-passiġġieri**

(in-naħa ta' quddiem)




.tif(in-naħa ta' wara)



**Struzzjonijiet għall-awtoritajiet tal-ħruġ**

1. Il-kunjom jew il-kunjomijiet attwali tad-detentur

2. L-isem jew l-ismijiet attwali tad-detentur

L-ismijiet għandhom ikunu dawk li jidhru fuq il-karta tal-identità jew fuq il-passaport tal-persuna kkonċernata u għandhom jitniżżlu f'UNICODE.

Jekk isem jinkiteb differenti bl-UNICODE u bl-ASCII, għandha tingħata wkoll traskrizzjoni bl-ASCII fil-parenteżi.

3a. Id-data tat-twelid (jj/xx/ssss)

3b. Il-post tat-twelid (il-belt)

4. In-numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ tad-detentur (CID), kif mogħti fil-bażi tad-*data* msemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397

5. L-identifikazzjoni fiżika tad-detentur permezz ta' fajl b'immaġni elettronika importat

6. In-numru tas-serje taċ-ċertifikat

   In-numru tas-serje taċ-ċertifikat għandu jikkonsisti minn dawn li ġejjin:

   — is-CID tal-membru tal-ekwipaġġ;

   — it-tip ta' dokument kif ikkodifikat fis-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni tad-*Data* ta' Referenza (l-ERDMS);

   — l-awtorità tal-ħruġ, kif ikkodifikat fl-ERDMS;

   — in-numru tad-dokument f'erba' ċifri.

7. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat

8. Id-data tal-iskadenza

9. L-awtorità tal-ħruġ

*Karatteristiċi fiżiċi taċ-ċertifikat ta' kwalifika tal-Unjoni bħala espert fin-navigazzjoni tal-passiġġieri jew bħala espert tal-LNG:*

Sfond ta' lewn blu ċar Pantone 290C

Format tal-karta ID-1 skont l-istandard ISO/IEC 7810

*ANNESS II*

**MUDELL GĦAD-DOKUMENT UNIKU LI JIĠBOR IĊ-ĊERTIFIKATI TA' KWALIFIKA TAL-UNJONI MAL-KTIEB TAR-REKORDS TAS-SERVIZZ**

Il-paġna 1 tal-mudell

Isem il-pajjiż

**Ktieb tar-rekords tas-servizz li jiġbor ukoll iċ-ċertifikati ta' kwalifika**

**Identifikazzjoni tad-detentur**

**Barcode 2D**

1. Il-kunjom jew il-kunjomijiet tad-detentur:
2. L-isem/L-ismijiet:

3a. Id-data tat-twelid:

3b. Il-post tat-twelid:

4. In-numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ:

5. Ir-ritratt

**Identifikazzjoni tal-ktieb tar-rekords tas-servizz**

1. In-numru tas-serje:
2. Id-data tal-ħruġ:
3. L-awtorità tal-ħruġ:
4. Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:
5. In-numru tas-serje tal-ktieb tar-rekords tas-servizz ta' qabel:

SRBXXXXSSSS

Il-paġna 2 tal-mudell

**Ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni Ewropea u ċertifikati ta' kwalifika li jinħarġu skont ir-Regolamenti għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu b'rabta mal-kwalifika bħala apprendist, baħri, barklor, barklor abbli u tmunier**

**It-titlu taċ-ċertifikat:** ____________________

Il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet marbutin mal-istat fiżiku:

In-numru tas-serje:

Id-data tal-ħruġ: Id-data ta' skadenza:

L-awtorità tal-ħruġ:

Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:

**It-titlu taċ-ċertifikat:** ____________________

Il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet marbutin mal-istat fiżiku:

In-numru tas-serje:

Id-data tal-ħruġ: Id-data ta' skadenza:

L-awtorità tal-ħruġ:

Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:

**It-titlu taċ-ċertifikat:** ____________________

Il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet marbutin mal-istat fiżiku:

In-numru tas-serje:

Id-data tal-ħruġ: Id-data ta' skadenza:

L-awtorità tal-ħruġ:

Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:

**It-titlu taċ-ċertifikat:** ____________________

Il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet marbutin mal-istat fiżiku:

In-numru tas-serje:

Id-data tal-ħruġ: Id-data ta' skadenza:

L-awtorità tal-ħruġ:

Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:

**It-titlu taċ-ċertifikat:** ____________________

Il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet marbutin mal-istat fiżiku:

In-numru tas-serje:

Id-data tal-ħruġ: Id-data ta' skadenza:

L-awtorità tal-ħruġ:

Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:

SRBXXXXSSSS

Il-paġna 3 tal-mudell

**Ċertifikati oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kwalifiki rilevanti għan-navigazzjoni interna**

**It-titlu taċ-ċertifikat:** ____________________

Il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet marbutin mal-istat fiżiku:

In-numru tas-serje:

Id-data tal-ħruġ: Id-data ta' skadenza:

L-awtorità tal-ħruġ:

Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:

**It-titlu taċ-ċertifikat:** ____________________

Il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet marbutin mal-istat fiżiku:

In-numru tas-serje:

Id-data tal-ħruġ: Id-data ta' skadenza:

L-awtorità tal-ħruġ:

Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:

**It-titlu taċ-ċertifikat:** ____________________

Il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet marbutin mal-istat fiżiku:

In-numru tas-serje:

Id-data tal-ħruġ: Id-data ta' skadenza:

L-awtorità tal-ħruġ:

Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:

SRBXXXXSSSS

Il-paġna 4 tal-mudell

**Il-perjodu tas-servizz**

**Il-perjodu tas-servizz abbord, isem l-inġenju**:

In-numru uniku Ewropew ta' identifikazzjoni tal-bastiment jew numru uffiċjali ieħor tal-inġenju:

It-tip ta' inġenju ([1]):

L-Istat tar-reġistrazzjoni:

It-tul tal-inġenju f'metri (*),/l-għadd ta' passiġġieri (*):

Is-sid (l-isem u l-indirizz):

Id-detentur daħal fis-servizz bħala ([2]):

Id-detentur daħal fis-servizz fi (id-data):

Tmiem is-servizz (id-data):

Il-kaptan tad-dgħajsa (l-isem u l-indirizz):

Il-post, id-data u l-firma tal-kaptan tad-dgħajsa:

**Il-perjodu tas-servizz abbord, isem l-inġenju:**

In-numru uniku Ewropew ta' identifikazzjoni tal-bastiment jew numru uffiċjali ieħor tal-inġenju:

It-tip ta' inġenju

L-Istat tar-reġistrazzjoni:

It-tul tal-inġenju f'metri (*)/l-għadd ta' passiġġieri (*)

Is-sid (l-isem u l-indirizz):

Id-detentur daħal fis-servizz bħala:

Id-detentur daħal fis-servizz fi (id-data):

Tmiem is-servizz (id-data):

Il-kaptan tad-dgħajsa (l-isem u l-indirizz):

Il-post, id-data u l-firma tal-kaptan tad-dgħajsa:

SRBXXXXSSSS

([1]) Għat-tip ta' inġenju, dejjem indika jekk huwiex tanker tat-tip C jew G, konvoj kbir jew inġenju li juża l-LNG bħala karburant. "Id-detentur daħal fis-servizz bħala": il-funzjoni trid tkun enumerata skont l-istruzzjonijiet għaż-żamma tal-ġurnal ta' abbord Ħassar jekk mhux applikabbli.

(*) Ħassar jekk mhux applikabbli.

([2]) "Id-detentur daħal fis-servizz bħala": il-funzjoni trid tkun enumerata skont l-istruzzjonijiet għaż-żamma tal-ġurnal ta' abbord

Il-paġni 5 sa 22 bħall-paġna 4

**Il-perjodu tan-navigazzjoni u l-meded tal-passaġġi fuq l-ilma interni li fihom sar it-tbaħħir matul l-aħħar 15-il xahar** | **Sena:………………..**

L-għadd ta' jiem tan-navigazzjoni jrid ikun jaqbel mal-perjodu tan-navigazzjoni mdaħħal fil-ġurnal ta' abbord!

| Isem l-inġenju jew in-numru uniku Ewropew ta' identifikazzjoni tal-bastiment jew numru uffiċjali ieħor tal-inġenju | Vjaġġ minn permezz ta' lejn (km) (km) | Bidu tal-vjaġġ (data) | Jiem ta' interruzzjoni | Tmiem tal-vjaġġ (data) | Għadd totali ta' jiem tan-navigazzjoni | Firma tal-kaptan tad-dgħajsa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| A | B | C | D | E | F | G |
| 1 | | | | | | |
| 2 | | | | | | |
| 3 | | | | | | |
| 4 | | | | | | |
| 5 | | | | | | |
| 6 | | | | | | |
| 7 | | | | | | |
| 8 | | | | | | |
| 9 | | | | | | |
| 10 | | | | | | |

Dokument komplut ☐ iva ☐ le

☐ Dubji dwar il-linja jew il-linja/i:_________

Id-dubji ġew eliminati billi ġie ppreżentat ☐ il-ġurnal ta' abbord (jew billi ġew ippreżentati partijiet minnu) ☐ billi ġew ippreżentati dokumenti uffiċjali oħrajn

**Spazju riżervat għall-awtorità kompetenti**

| L-awtorità għandha timla din l-informazzjoni: l-għadd totali ta' jiem tan-navigazzjoni li tqiesu minn din il-paġna: | |
|---|---|

**Marka ta' validazzjoni tal-awtorità kompetenti**

**Ippreżentat fi (data)** ___________

Il-firma u t-timbru tal-awtorità

SRBXXXXSSSS

Il-paġni 24 sa 55 bħall-paġna 23

*It-titli tal-kolonni A sa G mhumiex stampati fuq dawk il-paġni*

Il-paġna 56 tal-mudell

*Paġna vojta*

**Struzzjonijiet għall-awtoritajiet tal-ħruġ**

*Identifikazzjoni tad-detentur*

1. Il-kunjom jew il-kunjomijiet attwali tad-detentur

2. L-isem jew l-ismijiet attwali tad-detentur

   L-ismijiet għandhom ikunu dawk li jidhru fuq il-karta tal-identità jew fuq il-passaport tal-persuna kkonċernata u għandhom jitniżżlu f'UNICODE.

   Jekk isem jinkiteb differenti bl-UNICODE u bl-ASCII, għandha tingħata wkoll traskrizzjoni bl-ASCII fil-parenteżi.

3a. Id-data tat-twelid (jj/xx/ssss)

3b. Il-post tat-twelid (il-belt)

4. In-numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ tad-detentur (is-CID), kif mogħti fil-bażi tad-*data* msemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

*Identifikazzjoni tal-ktieb tar-rekords tas-servizz*

In-numru tas-serje taċ-ċertifikat għandu jikkonsisti minn dawn li ġejjin:

— is-CID tal-membru tal-ekwipaġġ;

— it-tip ta' dokument kif ikkodifikat fis-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni tad-*Data* ta' Referenza (l-ERDMS);

  l-awtorità tal-ħruġ, kif ikkodifikat fl-ERDMS;

— in-numru tad-dokument f'4 ċifri.

In-numru tas-serje tal-ktieb tar-rekords tas-servizz mingħajr il-parti dwar is-CID għandu jiġi ripetut fil-parti t'isfel ta' kull paġna.

*Ċertifikati ta' kwalifika*

L-awtorità kompetenti rilevanti għandha ddaħħal it-titlu taċ-ċertifikat maħruġ (b'ittri kapitali). Ma' dan għandhom jiżdiedu wkoll in-numri li ġejjin fil-parenteżi, kif xieraq: "(2)" għal Tmunier, "(3)" għal Barklor abbli, "(4)" għal Barklor, "(5)" għal Baħri u "(6)" għal Apprendist.

F'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċertifikati ta' kwalifiki tal-Unjoni, għandu jingħata t-titlu "Ċertifikat ta' kwalifika tal-Unjoni Ewropea fin-navigazzjoni interna" flimkien mal-kwalifika rilevanti, pereżempju "Ċertifikat ta' kwalifika tal-Unjoni Ewropea fin-navigazzjoni interna — Barklor abbli (3)".

F'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċertifikati ta' kwalifiki li jinħarġu skont ir-Regolamenti għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, għandu jingħata t-titlu "Ċertifikat ta' kwalifika tas-CCNR" flimkien mal-kwalifika rilevanti, pereżempju "Ċertifikat ta' kwalifika tas-CCNR – Barklor abbli (3)".

*Il-karatteristiċi fiżiċi tad-dokument*

Il-kulur: Il-qoxra: blù ċar Pantone 290C; sfond abjad għall-paġni ta' ġewwa

Format A5 skont l-istandard ISO 216

*Eżempju ta' entrata mimlija għall-perjodu tas-servizz*

Perjodu tas-servizz abbord, isem l-inġenju: UNTERWALDEN

In-numru uniku Ewropew ta' identifikazzjoni tal-bastiment jew numru uffiċjali ieħor tal-inġenju: 07000281

It-tip ta' inġenju[1]:

L-Istat tar-reġistrazzjoni: CH

It-tul tal-inġenju f'metri*/~~l-għadd ta' passiġġieri~~* 105 m

Is-sid (l-isem u l-indirizz):

TSAG, Hauptstrasse 55, CH-4127 Riehen, Basel-Stadt

Id-detentur daħal fis-servizz bħala[2]: 3

Id-detentur daħal fis-servizz fi (id-data): 22.10.1995

Tmiem is-servizz (id-data): 22.11.1996

Il-kaptan tad-dgħajsa (l-isem u l-indirizz):

K. Huber, Rheinstrasse 55, D-76497 Wintersdorf

Il-post, id-data u l-firma tal-kaptan tad-dgħajsa: Rotterdam, 20.11.1996

*K.Huber*

*Eżempju ta' paġna mimlija għall-perjodu tan-navigazzjoni u l-meded tan-navigazzjoni*

**Perjodu tan-navigazzjoni u meded tal-passaġġi fuq l-ilma interni li fihom sar it-tbaħħir matul l-aħħar 15-il xahar** **Sena:** 2015 u 2016

L-għadd ta' jiem tan-navigazzjoni jrid ikun jaqbel mal-perjodu tan-navigazzjoni mdaħħal fil-ġurnal ta' abbord!

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 07000281 | Rotterdam (999,90)Mainz (500,00) Wien (1930,00) | 22.11.15 | 11 | 17.12.15 | 15 | Il-firma ta' Huber |
| 2 07000281 | Wien (1930,00) Mainz (500,00) Basel (169,90) | 20.12.15 | 4 | 04.01.16 | 12 | Il-firma ta' Huber |
| 3 07000281 | Basel (169,90) Rotterdam (999,90) | 06.01.16 | 0 | 10.01.16 | 5 | Il-firma ta' Huber |
| 4 07000281 | Rotterdam (999,90) Antwerpen (20,00) Basel (169,90) | 13.01.16 | 1 | 23.01.16 | 10 | Il-firma ta' Huber |
| 5 07000281 | Basel (169,90) Antwerpen (20,00) | 25.01.16 | 0 | 29.01.16 | 5 | Il-firma ta' Huber |
| 6 07000281 | Antwerpen (20,00) Basel (169,90) | 01.02.16 | 0 | 07.02.16 | 7 | Il-firma ta' Huber |
| 7 07000281 | Basel(169,90) Mainz (500,00) Bratislava (1867,00) | 09.02.16 | 5 | 22.02.16 | 9 | Il-firma ta' Huber |
| 8 07000281 | Bratislava (18657,00) Regensburg (2376,30) | 27.02.16 | 0 | 02.03.16 | 5 | Il-firma ta' Huber |
| 9 07000281 | Regensburg (2376,30) Mainz (500,00) Rotterdam (999,90) | 03.03.16 | 0 | 09.03.16 | 7 | Il-firma ta' Huber |
| 10 07000281 | Rotterdam (999,90) Basel (169,90) | 12.03.16 | 0 | 17.03.16 | 6 | Il-firma ta' Huber |

Dokument komplut ☑ iva ☐ le

☐ Dubji dwar il-linja jew il-linja/i: ________

Id-dubji ġew eliminati billi ġie ppreżentat ☐ il-ġurnal ta' abbord (jew billi ġew ippreżentati partijiet minnu) ☐ billi ġew ippreżentati dokumenti uffiċjali oħrajn

**Spazju riżervat għall-awtorità kompetenti**

| | |
|---|---|
| L-awtorità għandha timla din l-informazzjoni: l-għadd totali ta' jiem tan-navigazzjoni li tqiesu minn din il-paġna: | 81 |

**Marka ta' validazzjoni tal-awtorità kompetenti**

Ippreżentat fi (data) 15.04.16

Il-firma u t-timbru tal-awtorità

SRBXXXXSSSS

*ANNESS III*

**MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKATI TAL-EŻAMI PRATTIKU**

Aħna, isem il-korp tal-eżami,
b'dan id-dokument bin-numru ……………………. niċċertifikaw li

1. Il-kunjom jew il-kunjomijiet attwali tad-detentur
2. L-isem jew l-ismijiet attwali tad-detentur

3a. Id-data tat-twelid (jj/xx/ssss) 3b. Il-post tat-twelid (il-belt)

għadda mill-eżami prattiku [biex jikseb ċertifikat ta' kwalifika bħala kaptan ta' dgħajsa] [u] [biex jikseb awtorizzazzjoni speċifika għat-tbaħħir bir-radar]

fuq is-simulatur (isem is-simulatur), approvat minn (isem l-awtorità kompetenti).

Il-post u d-data tal-ħruġ

Il-firma u t-timbru tal-korp tal-eżami

**Struzzjonijiet**

L-ismijiet għandhom ikunu dawk li jidhru fuq il-karta tal-identità jew fuq il-passaport tal-persuna kkonċernata u għandhom jitniżżlu f'UNICODE.

Jekk isem jinkiteb differenti bl-UNICODE u bl-ASCII, għandha tingħata wkoll traskrizzjoni bl-ASCII fil-parenteżi.

Agħżel l-eżami li japplika u ħassar l-eżami l-ieħor jekk ma jkunx japplika.

*Il-karatteristiċi fiżiċi*

Il-kulur: sfond abjad. Format A4 skont l-istandard ISO 216

*ANNESS IV*

**MUDELL TAL-KTIEB TAR-REKORDS TAS-SERVIZZ**

Il-paġna 1 tal-mudell

Isem il-pajjiż

**Il-ktieb tar-rekords tas-servizz**

**Identifikazzjoni tad-detentur**

1. Il-kunjom jew il-kunjomijiet tad-detentur:

2. Isem/ismijiet:

3a. Data tat-twelid: 3b. Il-post tat-twelid:

4. In-numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ:

5. Ir-ritratt

**Identifikazzjoni tal-ktieb tar-rekords tas-servizz**

1. In-numru tas-serje:

2. Id-data tal-ħruġ:

3. L-awtorità tal-ħruġ:

4. Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:

5. In-numru tas-serje tal-ktieb tar-rekords tas-servizz ta' qabel:

SRBXXXXSSSS

Il-paġna 2 tal-mudell

*Paġna vojta*

Il-paġna 3 tal-mudell

**Il-perjodu tas-servizz**

**Il-perjodu tas-servizz abbord, isem l-inġenju**:

In-numru uniku Ewropew ta’ identifikazzjoni tal-bastiment jew numru uffiċjali ieħor tal-inġenju:

It-tip ta’ inġenju ([1]):

L-Istat tar-reġistrazzjoni:

It-tul tal-inġenju f’metri (*),/l-għadd ta’ passiġġieri (*):

Is-sid (l-isem u l-indirizz):

Id-detentur daħal fis-servizz bħala ([2]):

Id-detentur daħal fis-servizz fi (id-data):

Tmiem is-servizz (id-data):

Il-kaptan tad-dgħajsa (l-isem u l-indirizz):

Il-post, id-data u l-firma tal-kaptan tad-dgħajsa:

**Il-perjodu tas-servizz abbord, isem l-inġenju**:

In-numru uniku Ewropew ta’ identifikazzjoni tal-bastiment jew numru uffiċjali ieħor tal-inġenju:

It-tip ta’ inġenju

L-Istat tar-reġistrazzjoni:

It-tul tal-inġenju f’metri (*)/l-għadd ta’ passiġġieri (*)

Is-sid (l-isem u l-indirizz):

Id-detentur daħal fis-servizz bħala:

Id-detentur daħal fis-servizz fi (id-data):

Tmiem is-servizz (id-data):

Il-kaptan tad-dgħajsa (l-isem u l-indirizz):

Il-post, id-data u l-firma tal-kaptan tad-dgħajsa:

---

([1]) Għat-tip ta’ inġenju, dejjem indika jekk huwiex tanker tat-tip C jew G, konvoj kbir jew inġenju li juża l-LNG bħala karburant.
(*) Ħassar jekk mhux applikabbli.
([2]) “Id-detentur daħal fis-servizz bħala”: il-funzjoni trid tkun enumerata skont l-istruzzjonijiet għaż-żamma tal-ġurnal ta’ abbord

Il-paġni 4 sa 22 bħall-paġna 3

**Il-perjodu tan-navigazzjoni u l-meded tal-passaġġi fuq l-ilma interni li fihom sar it-tbaħħir matul l-aħħar 15-il xahar** **Sena:**

L-għadd ta' jiem tan-navigazzjoni jrid ikun jaqbel mal-perjodu tan-navigazzjoni mdaħħal fil-ġurnal ta' abbord!

| Isem l-inġenju jew in-numru uniku Ewropew ta' identifikazzjoni tal-bastiment jew numru uffiċjali ieħor tal-inġenju | Vjaġġ minn permezz ta' lejn (km) (km) | Bidu tal-vjaġġ (id-data) | Jiem ta' interruzzjoni | Tmiem il-vjaġġ (id-data) | Għadd totali ta' jiem tan-navigazzjoni | Firma tal-Kaptan |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A | B | C | D | E | F | G |
| 1 | | | | | | |
| 2 | | | | | | |
| 3 | | | | | | |

Dokument komplut. ☐ iva ☐ le

☐ Dubji dwar il-linja/i____________

Id-dubji ġew eliminati billi ġie ppreżentat ☐ il-ġurnal ta' abbord (jew billi ġew ippreżentati partijiet minnu) ☐ billi ġew ippreżentati dokumenti uffiċjali oħrajn

**Spazju riżervat għall-awtorità kompetenti**

| | |
|---|---|
| L-awtorità għandha timla din l-informazzjoni: L-għadd totali ta' jiem tan-navigazzjoni li tqiesu minn din il-paġna | |

**Marka ta' validazzjoni tal-awtorità kompetenti**

**Ippreżentat fi (data):** ____________

Il-firma u t-timbru tal-awtorità

SRBXXXSSSS

Il-paġni 24 sa 55 bħall-paġna 23

*It-titli tal-kolonni A sa G mhumiex stampati fuq dawk il-paġni*

Il-paġna 56 tal-mudell

*Paġna vojta*

**Struzzjonijiet għall-awtoritajiet tal-ħruġ**

*Identifikazzjoni tad-detentur*

1. Il-kunjom jew il-kunjomijiet attwali tad-detentur

2. L-isem jew l-ismijiet attwali tad-detentur

   L-ismijiet għandhom ikunu dawk li jidhru fuq il-karta tal-identità jew fuq il-passaport tal-persuna kkonċernata u għandhom jitniżżlu f'UNICODE.

   Jekk isem jinkiteb differenti bl-UNICODE u bl-ASCII, għandha tingħata wkoll traskrizzjoni bl-ASCII fil-parenteżi.

3a. Id-data tat-twelid (jj/xx/ssss)

3b. Il-post tat-twelid (il-belt)

4. In-numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ tad-detentur (is-CID), kif mogħti fil-bażi tad-*data* msemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

*Identifikazzjoni tal-ktieb tar-rekords tas-servizz*

In-numru tas-serje taċ-ċertifikat għandu jikkonsisti minn dawn li ġejjin:

— is-CID tal-membru tal-ekwipaġġ;

— it-tip ta' dokument kif ikkodifikat fis-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni tad-*Data* ta' Referenza (l-ERDMS);

— l-awtorità tal-ħruġ, kif ikkodifikat fl-ERDMS;

— in-numru tad-dokument f'erba' ċifri.

In-numru tas-serje tal-ktieb tar-rekords tas-servizz mingħajr il-parti dwar is-CID għandu jiġi ripetut fil-parti t'isfel ta' kull paġna.

*Il-karatteristiċi fiżiċi tad-dokument*

Il-kulur: aħmar Pantone 290C għall-qoxra; sfond abjad għall-paġni ta' ġewwa

Il-format: format A5 skont l-istandard ISO 216.

*Eżempju ta' entrata mimlija għall-perjodu tas-servizz*

Il-perjodu tas-servizz abbord, isem l-inġenju: UNTERWALDEN

In-numru uniku Ewropew ta' identifikazzjoni tal-bastiment jew numru uffiċjali ieħor tal-inġenju: 07000281

It-tip ta' inġenju[1]:

L-Istat tar-reġistrazzjoni: CH

It-tul tal-inġenju f'metri[1],/~~l-għadd ta' passiġġieri~~* 105 metri

Is-sid (l-isem u l-indirizz):

TSAG, Hauptstrasse 55, CH-4127 Riehen, Basel-Stadt

Id-detentur daħal fis-servizz bħala[2]: 3

Id-detentur daħal fis-servizz fi (id-data): 22.10.1995

Tmiem is-servizz (id-data): 22.11.1996

Il-kaptan tad-dgħajsa (l-isem u l-indirizz):

K. Huber, Rheinstrasse 55, D-76497 Wintersdorf

Il-post, id-data u l-firma tal-kaptan tad-dgħajsa: Rotterdam, 20.11.1996

*K.Huber*

*Eżempju ta' paġna mimlija għall-perjodu tan-navigazzjoni u l-meded tan-navigazzjoni*

Il-perjodu tan-navigazzjoni u l-meded tal-passaġġi fuq l-ilma interni li fihom sar it-tbaħħir matul l-aħħar 15-il xahar Sena: 2015 u 2016

L-għadd ta' jiem tan-navigazzjoni jrid ikun jaqbel mal-perjodu tan-navigazzjoni mdaħħal fil-ġurnal ta' abbord!

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 07000281 | Rotterdam (999,90)Mainz (500,00) Wien (1930,00) | 22.11.15 | 11 | 17.12.15 | 15 | Il-firma ta' Huber |
| 2 07000281 | Wien (1930,00) Mainz (500,00) Basel (169,90) | 20.12.15 | 4 | 04.01.16 | 12 | Il-firma ta' Huber |
| 3 07000281 | Basel (169,90) Rotterdam (999,90) | 06.01.16 | 0 | 10.01.16 | 5 | Il-firma ta' Huber |
| 4 07000281 | Rotterdam (999,90) Antwerpen (20,00) Basel (169,90) | 13.01.16 | 1 | 23.01.16 | 10 | Il-firma ta' Huber |
| 5 07000281 | Basel (169,90) Antwerpen (20,00) | 25.01.16 | 0 | 29.01.16 | 5 | Il-firma ta' Huber |
| 6 07000281 | Antwerpen (20,00) Basel (169,90) | 01.02.16 | 0 | 07.02.16 | 7 | Il-firma ta' Huber |
| 7 07000281 | Basel (169,90) Mainz (500,00) Bratislava (1867,00) | 09.02.16 | 5 | 22.02.16 | 9 | Il-firma ta' Huber |
| 8 07000281 | Bratislava (18657,00) Regensburg (2376,30) | 27.02.16 | 0 | 02.03.16 | 5 | Il-firma ta' Huber |
| 9 07000281 | Regensburg (2376,30) Mainz (500,00) Rotterdam (999,90) | 03.03.16 | 0 | 09.03.16 | 7 | Il-firma ta' Huber |
| 10 7000281 | Rotterdam (999,90) Basel (169,90) | 12.03.16 | 0 | 17.03.16 | 6 | Il-firma ta' Huber |

Dokument komplut ☑ iva ☐ le

☐ Dubji dwar il-linja jew il-linja/i: _________

Id-dubji ġew eliminati billi ġie ppreżentat ☐ il-ġurnal ta' abbord (jew billi ġew ippreżentati partijiet minnu) ☐ billi ġew ippreżentati dokumenti uffiċjali oħrajn

**Spazju riżervat għall-awtorità kompetenti**

| | |
|---|---|
| L-awtorità għandha timla din l-informazzjoni: l-għadd totali ta' jiem tan-navigazzjoni li tqiesu minn din il-paġna: | 81 |

**Marka ta' validazzjoni tal-awtorità kompetenti**

**Ippreżentat fi (data) 15.04.16**

Il-firma u t-timbru tal-awtorità

SRBXXXXSSSS

*ANNESS V*

**MUDELL GĦALL-ĠURNALI TA’ ABBORD**

Il-paġna 1 tal-mudell

Isem il-pajjiż

**Ġurnal ta’ abbord**

In-numru tas-serje tal-ġurnal ta’ abbord:

Id-data tal-ħruġ:

Isem l-inġenju:

Numru Uniku ta’ Identifikazzjoni għall-Bastimenti Ewropej:

L-awtorità tal-ħruġ:

Il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ:

LBKXXXXSSSS

Il-paġna 2 tal-mudell

**Struzzjonijiet għaż-żamma tal-ġurnal ta’ abbord**

Dan il-ġurnal ta’ abbord fih 200 paġna, enumerati minn 1 sa 200. L-entrati għandhom ikunu jistgħu jinqraw u jsiru bil-linka (eż. bl-użu ta’ ittri stampati).

L-entrati għandhom jiddaħħlu fil-ġurnal ta’ abbord skont ir-regolamenti tal-ekwipaġġ applikabbli. Fil-każ ta’ passaġġi fuq l-ilma interni li l-mogħdijiet tagħhom ma jaqgħux għalkollox fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ rekwiżit tal-ekwipaġġ, għandhom jitqiesu wkoll il-perjodu tan-navigazzjoni u l-perjodu ta’ mistrieħ imqattgħin fiż-żoni li jinsabu ’l barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tar-regolament.

Meta l-attivitajiet tat-tagħbija u tal-ħatt ikunu jeħtieġu ħidmiet attivi tan-navigazzjoni, bħat-tħammil jew l-immanuvrar bejn il-punti tat-tagħbija jew tal-ħatt, il-ħin li jintuża għat-tali attivitajiet għandu jiddaħħal bħala perjodu tan-navigazzjoni.

L-attivitajiet tal-membri tal-ekwipaġġ għandhom jiddaħħlu skont il-funzjonijiet tagħhom billi jintuża n-numru li jikkorrispondi għall-funzjoni tagħhom, kif ġej:

1 Kaptan tad-dgħajsa

2 Tmunier

3 Barklor abbli

4 Barklor

5 Baħri

6 Apprendist

7 Inġinier

8 Persuna inkarigata tieħu ħsieb il-magni

9

Jekk ir-regolamenti nazzjonali jkunu jipprevedu funzjonijiet oħrajn minbarra dawk elenkati hawn fuq, it-tali funzjonijiet għandhom jiddaħħlu billi jintużaw in-numri minn numru disgħa ’l quddiem u għandu jingħata t-titlu nazzjonali rispettiv tagħhom.

F’kull paġna għandha tiddaħħal l-informazzjoni li ġejja:

— il-modalità tat-tħaddim (wara kull bidla fil-modalità tat-tħaddim, għandha tintuża paġna ġdida);

— is-sena;

— malli l-inġenju jibda l-vjaġġ:

fl-ewwel kolonna, id-data (il-jum u x-xahar);

fit-tieni kolonna, il-ħin (is-siegħa u l-minuta);

fit-tielet kolonna, isem il-post minn fejn jibda l-vjaġġ;

fir-raba’ kolonna, il-passaġġ fuq l-ilma u l-kilometri tal-post minn fejn jibda l-vjaġġ;

— malli l-inġenju jwaqqaf il-vjaġġ:

fl-ewwel kolonna, id-data (il-jum u x-xahar), jekk din tkun differenti minn dik tal-bidu tal-vjaġġ;

fil-ħames kolonna, il-ħin (is-siegħa u l-minuta);

fis-sitt kolonna, isem il-post fejn l-inġenju jkun wieqaf;

fis-seba’ kolonna, il-passaġġ fuq l-ilma u l-kilometri tal-post fejn l-inġenju jkun wieqaf;

— malli l-inġenju jerġa’ jbaħħar: l-istess entrati bħal dawk mogħtija malli l-inġenju jibda l-vjaġġ;

— malli l-inġenju jtemm il-vjaġġ tiegħu: l-istess entrati bħal dawk mogħtija malli l-inġenju jwaqqaf il-vjaġġ.

Il-paġna 3 tal-mudell

- It-tmien kolonna (li tinkludi l-funzjoni, il-kunjom jew il-kunjomijiet, l-isem jew l-ismijiet u n-numru tas-serje tal-ktieb tar-rekords tas-servizz tal-membru tal-ekwipaġġ jew in-numru tas-serje taċ-ċertifikat ta' kwalifika bħala kaptan) għandha timtela meta l-ekwipaġġ jitla' abbord għall-ewwel darba u kull meta tinbidel il-kompożizzjoni tal-ekwipaġġ.
- Fil-kolonni disgħa sa ħdax għandhom jiddaħħlu l-bidu u t-tmiem tal-perjodi ta' mistrieħ għal kull membru tal-ekwipaġġ. Dawn l-entrati għandhom jiddaħħlu sat-tmienja ta' filgħodu tal-għada. Jekk il-membri tal-ekwipaġġ jieħdu l-perjodi ta' mistrieħ tagħhom skont skeda regolari, skema waħda għal kull vjaġġ hija biżżejjed.
- Fil-kolonni tnax u tlettax għandha tiddaħħal kull bidla fl-ekwipaġġ billi jiġi speċifikat il-ħin tal-imbark u tal-iżbark ta' kull membru tal-ekwipaġġ.

LBKXXXXSSSS

Il-paġna 4 tal-mudell

Paġna vojta

Il-paġna 5 tal-mudell

**PERJODI TA' MISTRIEĦ**

Mod ta' operazzjoni ([1])________

| Sena | INĠENJU | | | | | | EKWIPAĠĠ | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Bidu tal-vjaġġ | | | Tmiem il-vjaġġ | | | Il-membri tal-ekwipaġġ | | Il-ktieb tar-rekords tas-servizz | Perjodi ta' mistrieħ tal-membri tal-ekwipaġġ | | | | | | Imbark | Żbark |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | | | 9 | | 10 | | 11 | | 12 | 13 |
| Id-data | Il-ħin | Il-post | km | Il-ħin | Il-post | km | Il-kariga | Kunjom u isem | Numru | minn | sa | minn | sa | minn | sa | Il-ħin | Il-ħin |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | |

BKXXXXSSSS

([1]) jekk applikabbliL

**Struzzjonijiet għall-awtoritajiet tal-ħruġ**

*Identifikazzjoni tal-ġurnal ta' abbord*

In-numru tas-serje taċ-ċertifikat għandu jikkonsisti minn dawn li ġejjin:

— It-tip ta' dokument kif ikkodifikat fis-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni tad-*Data* ta' Referenza (l-ERDMS);

— L-awtorità tal-ħruġ, kif ikkodifikata fl-ERDMS;

— In-numru tad-dokument f'erba' ċifri.

In-numru tas-serje tal-ġurnal ta' abbord għandu jiġi ripetut fil-parti t'isfel ta' kull paġna.

*Il-karatteristiċi fiżiċi tad-dokument*

Il-kulur: aħmar Pantone 187C għall-qoxra; sfond abjad għall-paġni ta' ġewwa

Format A4 orizzontali skont l-istandard ISO 216.